MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 368/2004

Kawza fil-lista:  41

**A B f' ismiha proprju u ghan-nom u bhala kuratrici tal-minuri K**
**Vs**
**C D, E F u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici proprio et nomine ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-attrici kellha tifla fil-21 ta' Dicembru 2002, liema tifla giet imsemmija K;

Premess illi fic-certifikat tat-twelid ta' din it-tifla hemm imnizzel illi l-missier huwa E F.

Premess illi fir-realta' E F m'huwiex il-missier tal-minuri K, izda l-missier huwa C D.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-missier naturali tal-minuri K huwa fil-fatt C D u mhux E F;

2. Tordna lil C D jirrikonoxxi lill-minuri K bhala bintu;

3. Tordna li ssir korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-minuri K F, fis-sens illi fil-parti fejn hemm imnizzel isem missier it-tarbija, jitnehha l-isem E F u minflok jigi ndikat C D.

L-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti sabiex jidhru in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluzi dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi biex il-process ikun integru jehtieg illi l-intressi tal-minuri jigu rapprezentati permezz ta' kuraturi deputati.

3. Illi bhal pregudizzju ghas-suespost, l-attrici ghandha tispecifika d-dettalji personali kollha ta' l-allegat missier naturali l-konvenut C D biex jekk it-talbiet attrici jigu milqugha dawn ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid koncernat.

4. Illi jekk it-talbiet attrici jintlaqghu l-kliem “the said” iridu jigu kkancellati minn l-annotazzjoni li tispecifika li l-attrici A B sseparat legalment minn mal-konvenut E F fil-31 ta' Ottubru 2002 fl-Att tat-Twelid in kwistjoni.

5. Illi jehtieg illi jigi inserit in-numru progressiv ta' iskrizzjoni ta' l-Att tat-Twelid in kwistjoni fit-tielet talba attrici li huwa 142 tas-sena 2002.

6. Illi ghandha ssir id-debita publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat li l-konvenuti C D u E F debitament ingunti ghazlu li jibqghu kontumaci;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-avviz pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern skond l-Artikolu 254 tal-Kap.16;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tat-12 ta' Mejju 2005 li permezz tieghu l-konvenut C D ammetta li l-minuri K hija bintu, u ta taghrif dwar id-dettalji tieghu sabiex jitnizzlu fl-Att tat-Twelid ta' l-imsemmija minuri;
Rat ir-relazzjoni ta' l-espert xjentifiku Christopher Farrugia, minnu debitament mahlufa [Fol.38-41]

Rat l-affidavits prezentati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azjoni odjerna l-attrici proprio et nomine qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li t-tifla taghha K li twieldet fil-21 ta' Dicembru 2002, mhijex il-wild naturali tal-konvenut E F, izda hija l-wild natuali tal-konvenut C D; u konsegwenzjalment qed titlob korrezzjoni fl-Att tat-Twelid relattiv bin-numru progressiv 142 tas-sena 2003.

Mill-provi jirrizulta sodisfacentement provat li, ghalkemm il-konjugi A B, l-attrici, u l-konvenut E F, kienu sseparaw de jure f' Ottubru 2002, huma kienu ilhom separati de facto milll-ahhar ta' Gunju 2000, u minn dak in-nhar il-quddiem qatt ma kellhom relazzjonijiet sesswali ma xulxin.

Illi l-konvenut C D ammetta li t-tifla hija l-wild naturali tieghu, u din l-ammissjoni hija konfortata bir-rizultanzi tat-testijiet xjentifici tad-DNA li jindikaw lilu bhala l-missier tat-tarbija K. Jigi osservat in propositu li ghalkemm il-prova xjentifika hija meqjusa bhala element ta' prova, ghal konsiderazzjoni tal-Qorti mal-kumplament tal-provi l-ohra, minn naha l-ohra din il-prova ghandha valur probatorju qawwi.

Illi tenut kont tal-premess il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici jsibu sostenn fil-provi, u ghalhekk jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti, u, filwaqt li tiddikjara li t-tifla bl-isem K li twieled mill-attrici fil-21 ta' Dicembru 2002, mhijiex il-wild naturali tal-konvenut E F, kif erroneament indikat fl-Att tat-Twelid bin-numru 142 tas-sena 2003, imma hija l-wild naturali tal-konvenut C D;  tordna korrezzjoni fl-istess Att tat-Twelid kif indikat mill-attrici fit-tielet talba taghha fis-sens li l-isem "E F" u l-konnotati tieghu ma jibqghux jidhru fuq l-imsemmi Att tat-Twelid u minflok jidhlu l-kliem "C D" bil-konnotati segwent jigu inseriti fil-kolonni rispettivi: karta ta' l-identita numru 43781[M] imwieled il-Pieta u residenti tas-Sliema, iben Anthony D [haj] u li fiz-zmien tat-twelid tat-tarbija kellu wiehed u ghoxrin [21] sena u kien jahdem bhala kok;  kif ukoll il-kliem "the said" jigu kkancellati mill-kolonna li tirreferi ghall-partikolaritajiet ta' l-omm.

L-ispejjes ghandhom jigu sopportati mill-attrici proprio u mill-konvenut C D, f' porzjonijiet ugwali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------